MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 148/2014

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C-4729)**

**vs**

**Camilmac Services Limited (C-12076)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici fid-29 ta’ April 2014 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ sebat elef, seba’ mija, tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu tal-ewro (€7,723.31) rapprezentanti bilanc ta’ “catering equipment” lilha mibjugha u kkonsenjat flimkien ma’ spejjez amministrattivi.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta’ sekwestru u ta’ qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment u tal-ittra ufficjali pprezentata fis-6 t’Awwissu, 2013 u bl-imghax kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited li giet ipprezentata nhar it-18 ta’ Gunju 2014 li permezz taghha cediet l-mertu tal-kawza pero’ zzomm ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta hija debitament notifikata bl-atti tal-kawza u dan skont riferta pozittiva tal-purtier Mario Bonnici datata 2 ta’ Gunju, 2014 (fol 6 tergo tal-process).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2014 is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher jew li tipprezenta r-risposta taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-talba attrici ghar-rigward it-talba ghall-hlas tas-somma ta’ sebat elef, seba’ mija, tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu tal-ewro (€7,723.31) stante li tali talba giet ceduta fil-mori tal-kawza, tiddeciedi li tikkundanna lis-socjeta’**

**konvenuta sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u qbid kawtelatorji u tal-ittra ufficjali pprezentata fis-6 ta' Awwissu 2013.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------